**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Frar, 2020**

**Talba Nru: 353/2018PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Farrugia Huan-Carlos (324096(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tletin (30) ta' Lulju, elfejn u tmintax (2018) illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u tlieta u sebghin euro u tnejn u sebghin centezmi (€1273.72) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40605804 liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni ma-ittri ufficjali bir-referenzi 879/17 u bl-imghaxijiet legali.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba surreferita.

Ra r-rikors tas-socjeta` attrici datat 28 ta' Settembru, 2018 u n-nota tal-istess socjeta` attrici datata 6 ta' Novembru, 2018 b'anness estratt mir-Registru Elettorali.

Ra wkoll in-nota tal-istess socjeta` attrici datata 9 ta’ Jannar, 2020 b’anness estratt mir-Registru Elettorali ta’ Ottubru, 2019.

Ra li s-socjeta` attrici ghaddiet sabiex tinnotifika lill-konvenut fl-indirizz indikat fl-istess Registru Elettorali ta’ Ottubru, 2019.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2020 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li kkonferma d-dokumenti annessi mal-avviz u l-ammont hemmhekk mitlub bhala dovut mill-konvenut.

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi apparti li l-ammont mitlub jirrizulta dovut skont id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, tali ammont jinsab ukoll ikkonfermat tramite x-xhieda ta’ Paul Gatt in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li kkonferma wkoll li ma sar ebda tentattiv da parti tal-konvenut sabiex iwettaq pagamenti jew altrimenti jikkontesta l-ammont dovut minnu skont dak li jirrizulta li gie espressament pattwit minnu. Tali xhieda baqghet qatt ma giet kontradetta u fil-fatt, kif inghad, tinsab konfermata wkoll mid-dokumenti ezebiti. Kwindi t-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub. In linea ma’ dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenut stante li mill-provi prodotti rrizulta li din kienet l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas tas-somma mutluba li giet notifikata lilu fis-17 ta’ Jannar, 2020.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elf mitejn u tlieta u sebghin euro u tnejn u sebghin centezmi (€1273.72) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40605804, bl-ispejjez u drittijiet,

inkluzi dawk in konnessjoni ma-ittri ufficjali bir-referenzi 879/17 u bl-imghaxijiet legali sa mis-17 ta’ Jannar, 2020 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**